MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 275/2003

**Josephine Sammut**

**vs**

**Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn George Borg fl-14 ta' Marzu, 2003, li in forza tieghu huwa ecepixxa:

Illi permezz ta' rikors tal-21 ta' Gunju 2001, l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-esponenti u ohrajn fl-ammont ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) bil-kawzali indikata bhala "valur tal-vettura tal-ghamla taxi bin-numru KTY-152 u xarabank bin-numru FBY-696 u kif ukoll il-valur tal-permessi relattivi".

Illi fic-cirkostanzi ma hux ragonevoli li l-mandat ta' qbid kawtelatorju jinzamm fis-sehh u dan ghar-ragunijiet segwenti, u cioe':

1. Illi in ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid *de quo* il-marixxall ta' din l-Onorabbli Qorti qabad *inter alia* il-vetturi taxi bin-numru KTY-152 u xarabank bin-numru FBY-696;

2. Illi bhala kunsinnatarju ghall-imsemmija vetturi inhatar Saviour sive Silvio Sammut u l-vetturi gew iggaraxxjati ghand l-istess;

3. Illi minn meta l-vetturi ttiehdu mill-pussess ta' l-esponenti huwa tilef id-dhul principali tieghu. Ma' dan wiehed izid illi l-hanut zghir li kien ihaddem l-esponenti kellu jzarma bil-mod minhabba mandat ta' sekwestru ghal Lm70,000 li l-intimata pprezentat kontestwalment mal-mandat ta' qbid mertu ta' dan ir-rikors;

4. Illi effettivament l-esponenti llum ngieb fi stat ta' falliment minhabba z-zewg mandati ta' Lm70,000 – il wiehed u m'ghandux biex jghix. Illi l-esponenti jrid ukoll ihallas manteniment izda ma jistax jaghmel dan minhabba li m'ghandu ebda dhul;

5. Illi l-pretensjoni ta' l-intimata (li huwa jikkontesta bil-qawwa kollha) tista' facilment tkun salvagwardjata b'mandati ohra, bhal mandat ta' inibizzjoni biex il-vetturi *de quo* ma jkunux trasferiti minghand l-esponenti, jew madnat ta' inibizzjoni biex l-esponenti ma jaljenax propjeta' immobbli pendenti l-ezitu tal-kawza fil-meritu. Madankollu, l-intimata ghazlet li taqbad il-vetturi li jaghtu dhul lill-esponenti biex b'hekk gabitu effettivament dizokkupat;

6. Illi l-istut tal-mandati kawtelatorji kien minn dejjem intiz sabiex il-jeddijiet ta' kreditur ma jkunux eluzi u ma kien qatt intiz sabiex jissottometti lill-intimat ghal tbatija esagerata u bla bzonn. Huwa ghalhekk li porzjon mill-paga ta' intimat hija protetta mill-operat ta' mandat ta' sekwestru u huwa wkoll ghalhekk li oggetti li huma

mehtiega ghall-ghixien ta' intimat ma humiex soggetti ghal mandat ta' qbid;

7. Illi ghalhekk ma hux ragonevoli fic-cirkostanzi li l-esponenti jibqa' jbaghti l-konsegwenzi ta' l-agir kattiv u vessatorju ta' l-intimata. Huwa jqis l-attitudni ta' l-intimata (u l-ghazla tal-mandati li gew prezentati) bhala mezz kif taghmel pressjoni fuqu b'tali mod li jkollu jcedi qabel ma tibda tinstema' l-kawza;

8. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi mhux opportun li l-mandat ta' qbid *de quo* jinzamm fis-sehh fuq ix-xarabank u t-taxi msemmija u ghalhekk huwa qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat fejn dan jolqot iz-zewg vetturi, jew ta' l-inqas xi wahda minnhom;

9. Illi dwar il-pretensjoni ta' l-intimata, l-esponenti jiddikjara li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-intimata u ma kellu ebda negozju ma' l-istess intimata. Huwa xtara l-vetturi u permessi *de quo* legittimament minghand Natasha Sammut u Emanuel Sammut permezz ta' skritturi tat-30 ta' Mejju 2001 redatti min-Nutar Anthony Grech Trapani. Ghandu jirrizulta li kwalunkwe relazzjoni li kien hemm bejn l-intimata u l-imsemmija Emanuel Sammut u Natasha Samut hija *res inter alios acta* fil-konfront ta' l-esponenti George Borg;

10. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mandat *de quo* mhux gustifikat li jibqa' fis-sehh stante illi huwa sprovvist minn kawzali legittima li huwa element essenzjali tar-rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-artikolu 831 (2) jistipula illi `Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur.' Issa r-rikors li bih intalab il-hrug tal-mandat *de quo* ma jindika bl-ebda mod l-origini tal-kreditu oltre li jghid illi s-Lm70,000 jirrapprezentaw il-valur ta' zewg vetturi u l-permessi relattivi. Bl-ebda mod ma jirrizulta mill-mandat kif l-esponenti jista' jkun debitur tal-intimata fis-somma indikata;

11. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata ma talbitx il-hlas ta' Lm70,000 minghand l-esponenti fi zmien hmistax-il jum qabel gie prezentat il-mandat ta' sekwestru *de quo*. Lanqas ma talbet li huma jipprovdu sigurta' bizzejjed, u ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu 836(8) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti huma intitolati li jitolbu l-hlas ta' penali minghand l-intimata;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta' qbid numru 1910/01 ai termini ta' l-Artikli 836(1) (b), (d), u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jew parti mill-istess mandat;

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponenti dik is-somma li ma tkunx anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn tlett elef lira a tenur ta' l-artikolu 836(8) (b) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba u/jew it-tieni talba, tikkundanna lill-intimata sabiex, a tenur ta' l-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeposita fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 1910/01.

Rat ir-Risposta ta' Josephine Sammut li in forza taghha ecceppiet:

1. Illi in linea preliminari l-presentata tar-rikors ghal revoka ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed irritu u null stante illi dan l-istess Artikolu jipprovdi illi f'kaz illi tkun infethet kawza fuq il-mertu dan ir-rikors kellu jigi ppresentat quddiem dik il-Qorti li tkun qieghda tisma' l-kawza u cioe'

dik il-Qorti li qieghda tiehu konjizzjoni tal-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz u ghandha stampa cara ta’ l-istess. Ghalhekk preliminarjament il-Qorti ghandha tiddeciedi fuq dan il-punt procedurali qabel ma tiehu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors. L-esponenti ghalhekk thoss illi merament fuq dan il-punt dan ir-rikors ghandu jigi michud minn din il-Qorti bl-ispejjez kontra l-istess George Borg;

2. Illi l-esponenti tirrileva illi l-mandat ta’ sekwestru fil-konfront ta’ George Borg ma jissodisfax il-pretensjoni taghha stante illi nqabdet biss is-somma ta’ LM1,426.89 li kienu ddepositati gewwa l-HSBC Bank Malta p.l.c. f’isem George Borg u dana hekk kif jirrizulta minn kopja ta’ dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument `JS1’. Ghalhekk m’hemmx dubbju illi l-pretensjoni taghha m’hix sodisfatta bil-mandat ta’ sekwestru maghmul minnha fil-konfront tar-rikorrent;

3. In oltre, dwar il-kwistjoni tal-propjeta’ immobbli huwa l-istess rikorrent illi jrid igib prova dwar dak li qieghed jallega;

4. Apparti minn hekk, m’hemmx dubbju li din il-Qorti tapprezza illi fic-cirkostanzi kien biss permezz tal-mandat ta’ qbid li qieghda tintalab ir-revoka tieghu illi l-esponenti setghet tissalvagwardja l-pretensjoni taghha hekk kif dedotti fic-citazzjoni minnha. Ghalhekk bir-rispett kollu r-rikorrent George Borg ghandu minnufih jirtira l-allegazzjoni illi saru minnu f’punt numru sebgha (7) tar-rikors minnu ntavolat li m’ghandhom xejn mill-verita’ u huma intizi biss halli jpingu b’mod ikrah lil Josephine Sammut quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

5. L-esponenti tirrileva wkoll illi l-istess rikorrent flimkien ma’ Emanuel Sammut u Natasha Sammut kien gja ittentaw igibu argumenti simili ghal dawk li hemm fir-rikors promotur in disamina, inkluz dak illi Josephine Sammut m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent George Borg [Ara punt disgha (9) tar-rikors promotur] halli jittentaw jirrevokaw a bazi tal-procedura tal-Artikolu 836 izda l-istess talba kienet giet michuda bl-ispejjez kontra taghhom mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

kopja ta’ liema digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument `JS2’;

6. Illi l-esponent ghalhekk thoss illi l-esercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti mhux wiehed illi tara jekk ir-rikorrent qieghed isofri xi pregudizzju, izda jekk il-hrug tal-mandat ta’ qbid da parti ta’ l-esponenti kienx wiehed gustifikat halli hija thares il-pretensjoni taghha fil-konfront tar-rikorrent;

*7.* Illi apparti minn hekk l-esponenti tigbed l-attenzjoni ta’ dina l-Qorti wkoll illi z-zewg vetturi li nqabdu u gew elevati permezz ta’ l-imsemmi mandat huma appuntu dawk l-istess zewg vetturi li jifformaw il-mertu tal-kawza intavolata mill-istess esponenti (Citaz. Nru.: 1186/01/TM) fejn l-esponenti qieghda tinsisti illi hija qatt ma tat il-kunsens taghha halli l-imsemmija zewg vetturi jigu trasferiti minn fuqha ghal fuq terzi halli biex imbaghad fi zmien qasir hafna l-imsemmija zewg vetturi spiccaw fuq ir-rikorrent u qieghda titlob ghar-rexissjoni ta’ kull *transfer* li sehh a rigward ta’ dawn iz-zewg vetturi u ghalhekk l-esponenti ghandha kull interess illi l-imsemmija zewg vetturi jigu elevati. Din il-kawza saret ukoll fil-konfront tar-rikorrent George Borg u kien appuntu ghalhekk ukoll illi l-mandat li qieghed jintalab ir-revoka tieghu sar ukoll fil-konfront ta’ George Borg u m’hux b’xi kapricc;

8. Illi dwar l-argument migjub mir-rikorrent illi l-mandat in disamina huwa sprovvist minn kawzali legittima [Ara punt numru ghaxra (10) tar-rikors promutur], l-esponenti tirrileva illi mill-kawzali imsemmija fil-mandat jidher bic-car x’kienet il-pretensjoni tal-esponent. Fuq dan il-punt ghalhekk ftit hemm wiehed x’izid apparti l-fatt li anke illi dan il-punt kien gie ssollevat fil-proceduri ghal revoka li kienu gja’ gew istitwiti mir-rikorrent li gew indikati aktar ‘l fuq liema proceduri ma kellhomx success;

9. Illi dwar is-somma ta’ Lm70,000 li semmiet l-esponenti, din waslet ghalija billi stmat iz-zewg vetturi kif ukoll il-permessi u l-licenzji relattivi taghhom li ghandhom valur gholi aktar mill-istess vetturi u hija fil-fatt kienet gja’ gabet prova ta’ kif waslet ghal dan il-valur fil-proceduri ta’

revoka hawn fuq indikati li ttenta jaghmel ir-rikorrent ghal mandat ta' sekwestru;

10. Illi dwar ix-xelta tal-kunsinnatarju minn George Borg, Emmanuel Sammut u Natasha Sammut [Ara punt numru tnejn (2) fir-rikors promutur], l-esponenti isostni illi dan Silvio Sammut li jigi bin Emmanuel Sammut u hu Natasha Sammut u wkoll in-neputi tar-rikorrent George Borg huwa wiehed minn dawk il-persuni li jaqghu taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk anke hawnhekk turi x'kien l-ghan ta' dawn it-tlett persuni meta hatru lil Silvio Sammut bhala kunsinnatarju ghaz-zewg vetturi in kwistjoni;

*11.* Illi finalment l-esponenti tikkonkludi illi l-hrug tal-mandat min-naha taghha kien wiehed gustifikat fic-cirkostanzi u qieghed hemmhekk sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet taghha u ghalhekk ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dan il-mandat ghandu *in toto o in parte* jigi rrevokat minn dina l-Qorti;

Ghaldaqstant l-esponenti thoss illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' April, 2003, fejn gie registrat li l-intimata kienet qed tirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimata bdiet proceduri ghar-ritorn ta' *taxi* u *charabanc* li hi kienet precedentement "ittrasferiet" ghal fuq isem Emanuel Sammut u Natasha Sammut. In kawtela ta' din il-pretensjoni, li hi kkwantifikat fis-somma ta' Lm70,000, fil-21 ta' Gunju, 2001, talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid numru 1910/01 u ta' Mandat ta'

Sekwestru numru 1912/01. Bil-Mandat ta’ Sekwestru irnexxielha tissekwestra biss is-somma ta’ Lm1,426.89, filwaqt li bis-sahha tal-Mandat ta’ Qbid gew elevati t-*taxi* u c-*charabanc* in kwistjoni; eventwalment, dawn il-vetturi gew elevati u moghti f’idejn konsenjatarju, certu Saviour sive Silvio Sammut, b’obbligu li jzommhom iggaraxxjati f’garaxx fi triq Caravaggio, il-Gharghur.

Wara l-hrug ta’ dawn iz-zewg Mandati, ir-rikorrenti, flimkien ma’ Emanuel Sammut u Natasha Sammut, kien fetah proceduri (Rikors Nru. 1153/01) ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1912/01 ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dawk il-proceduri gew determinati minn din il-Qorti b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru, 2001, u t-talba tar-rikorrenti giet michuda, bil-Qorti wkoll tirrifjuta li tordna l-hlas ta’ penali u li timponi l-ghoti ta’ garanzija wara li qieset li ma kienx jirrizulta li t-talba tal-intimata kienet wahda li saret b’malizzja, frivola u vessatorja.

B’dawn il-proceduri, ir-rikorrenti issa qieghed jitlob li jwaqqa’ l-Mandat ta’ Qbid numru 1910/01 ghal l-istess ragunijiet li bazikament gew trattati minn din il-Qorti fil-proceduri l-ohra.

Din il-Qorti, li kieku ma kienx ghac-cirkustanza gdida li se tissemma aktar ‘l quddiem, wara li ezaminat l-atti ta’ din il-kawza u l-motivazzjoni ta’ din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta’ Novembru, 2001, kienet tqies dan ir-rikors ghall-kwantu frivoli, u dana peress li darba li rrizulta li l-intimata kellha raguni legali biex tikkawtela l-pretensjoni taghha ghas-somma ta’ Lm70,000, bil-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru, daqs tant iehor kellha l-istess raguni tikkawtela dik il-pretensjoni bil-hrug tal-Mandat ta’ Qbid. Din il-Qorti, fil-procedura precedenti, kienet ezaminat *funditus* is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat, u l-konkluzzjoni taghha kienet li l-Mandat kellu jibqa’ fis-sehh, u li l-ammont kawtelat lanqas ma kien jidher li hu wiehed eccessiv.

L-argumenti ta’ din il-Qorti fil-proceduri precedenti jghoddu wkoll ghal dan il-kaz, u l-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura li

l-intimata titlob il-hrug ta’ zewg Mandati kontestwalment, u lanqas ma ghandha x’tilmenta li dawn iz-zewg Mandati nzammu t-tnejn fis-sehh, peress li bil-Mandat ta’ Sekwstru inqabdu biss ftit flus, u mehud kond li l-valur tat-*taxi* u c-*charabanc* jonqos maz-zmien, l-intimata m’ghamlitx hazin li zammet fis-sehh anke l-Mandat ta’ Sekwestru biex taghmel tajjeb ghal xi danni li tista’ ggarrab.

L-intimata, pero’, ma kienitx kuntenta b’dawn iz-zewg Mandati, u fil-5 ta’ Mejju, 2003, talbet il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni biex it-tlett persuni hemm intimati jigu inibiti milli jittrasferixxu l-proprieta’ immobiljari hemm indikata. Din il-Qorti, b’digriet tas-26 ta’ Mejju, 2003, laqghet it-talba, b’dan, pero’, li l-inibizzjoni harget fuq tlett proprjetajiet, minflok fuq erbgha kif kienet it-talba originarjament; il-propjeta’ mhux milquta tappartjeni lil Emanuel Sammut, filwaqt li l-proprjeta’ indikata tar-rikorrent George Borg giet milquta bl-inibizzjoni.

Wara l-hrug ta’ dan l-ahhar Mandat, l-intimata ma ghamlet xejn u zammet fis-sehh tlett mandati biex tikkawtela l-istess pretensjoni: bil-Mandat ta’ Sekwestru baqghet izzomm is-somma ta’ Lm1,426.89, bil-Mandat ta’ Qbid zammet elevati t-*taxi* u c-*charabanc*, li huma l-meritu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, u bil-Mandat ta’ Inibizzjoni zammet tlett proprjetajiet immobbli, li huma flat, formanti parti minn blokk bini bl-isem ta’ Broad House, f’San Pawl tat-Targa, terran numru 16, Triq Santa Rita, f’Tas-Sliema, u maisonette fi Triq Zammit Clapp, f’San Giljan.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-intimata ma kellhiex izzomm dawn it-tlett mandati fis-sehh ghax kienet taf li issa giet ikkawtelata aktar milli hu mehtieg. Hu hawn li naqset l-intimata. Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta’ min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta’ kull mandat permess bil-ligi, pero’, ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta’ xi mandat partikolari. Il-mandati m’ghandhomx jintuzaw

bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.

Ir-rikorrent, fl-ewwel talba, qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid a bazi tal-artikolu 836 (1) (b) (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:

**836.** (1) *Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont miltub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Mic-cirkostanzi tal-kaz, jidher li fil-fehma tal-Qorti, it-thassir ta' dan il-mandat huwa gustifikat taht is-subpaagrafu (f), ghax, illum, bil-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, mhux ragonevoli li dan il-Mandat ukoll jinzamm fis-sehh. Hu veru li dan l-ahhar Mandat inhareg fil-mori tal-kawza, pero', din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu bis-sahha tad-duttrina ta' *ius superveniens*.

Ghar-rigward it-talba ghall-imposizzjoni ta' penali, din il-Qorti tqies li l-intimata kellha, immedjatament li gie milqugh il-mandat ta' inibizzjoni, tirregola ruhha sabiex il-pretis debitur ma jibqax issikkat izzejjed; il-fatt li halliet dan il-mandat fis-sehh anke wara li nhareg il-mandat ta'

inibizzjoni, jaghmel il-kontinwazzjoni taz-zamma fis-sehh ta’ dan il-mandat ta’ Qbid, bhala agir vessatorju, li tiggustifika l-imposizzjoni tal-penali taht l-artikolu 836(8) (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha issir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta’ wara jkunu jezistu meta intalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javveraw ruhhom fil-mori tal-validita’ tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skond ic-cirkostanzi.

Ghalhekk, din il-Qorti thoss li t-talba ghall-imposizzjoni ta’ penali hi, fic-cikustanza, gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi minn din il-kawza billi, ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrevoka u thassar il-Mandat ta’ Qbid numru 1910/01 mahrug minn din il-Qorti fil-21 ta’ Gunju, 2001, u ai termini tal-artikolu 836(8) (d) tal-istess Kap 12, tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti penali ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri (minhabba li t-talba tar-rikorrenti rrizultat gustifikata minhabbad dak li sehh fil-mori tal-kawza), jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------